MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Appell Kriminali Numru. 304/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Romina Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Romina Abela talli fit-12 ta' April 2007 ghall-habta tad-09.00 hrs. gewwa 111, Flat 2, Carmel Court, Mensija Street, San Gwann:

(1) Insulentat bil-kliem lil Vincenzo Abela;

(2) Hebbet ghal Vincenzo Abela bla griehi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Lulju 2007, li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmja Romina Abela hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u, wara li rat l-artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatha ghal twiddiba u canfira;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Romina Abela pprezentat fit-2 ta’ Awissu 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha mill-imputazzjonijiet dedotti kontriha, minn kull piena u htija;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tax-xhieda u tal-fatti quddiemha u dan wassal ghal decizjoni zbaljata; jekk kien hemm xi mossi mill-appellanti dawn kienu biex tiddefendi ruhha mir-ragel taghha. Hija kienet aktar milli gustifikata tkun irrabjata ghal zewgha minhabba dak illi ghamel, izda fil-fatt kien hu li hebb ghaliha ghax kien irrabjat illi nqabad; (2) Is-sentenza moghtija ghandha difett formali peress illi s-semplici “R & A“ u l-firma tal-Magistrat sedenti ma jikkostitwux dak illi jehtieg l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta’ Malta meta taghti sentenza, u cioe` li tghid il-fatti li taghhom persuna tkun instabet hatja, li taghti l-piena u li ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta t-tieni aggravju. Dak li qieghed jilmenta minnu l-appellant huwa l-fatt illi s-sentenza li huwa nghata kopja taghha hija dik li kopja taghha huwa esebixxa fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2008, u konsistenti f’kopja tac-citazzjoni li fuqha l-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti kiteb testwalment “R & A“ bil-firma tieghu u d-data tat-23 ta’ Lulju 2007 taht. Jidher li sussegwentement sar it-timbru bil-kliem

“Il-Qorti:
Rat l-imputazzjonijiet:
Rat id-dokumenti:
Semghet il-provi:
Rat l-Artikoli indikati.”

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**”Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”.**

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-appellant ma jistax jissepara dak li hemm a fol. 1 (bi jew minghajr il-kliem ittimbrati, minn dak li hemm a fol. 5 u 6. Is-sentenza a fol. 5 u 6, iffirmata mill-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti, tirrapprezenta dak li sehh u gie deciz fis-seduta tat-23 ta’ Lulju 2007. Hi l-kopja ufficjali tas-sentenza li nghatat fit-23 ta’ Lulju 2007. Fi kwalunkwe kaz, anke minn ezami ta’ fol. 1 jirrizulta li hemm il-fatti li taghhom l-appellanti giet misjuba hatja - l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha - hemm ukoll l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reati hemm imsemmija - art. 339(1)(d)(e) tal-Kap. 9 - u hemm ukoll il-”piena” li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghti - kif miktuba mill-Magistrat sedenti.[1] Ghalhekk it-tieni aggravju huwa respint.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba. Quddiem din il-Qorti xehdu Vincent Abela, ir-ragel ta’ l-appellanti, u l-appellanti innifisha. In sintesi dawn xehdu hekk:

**Vincenzo Abela** qal li hi u l-mara kienu ghaddejjin mill-procedura ta’ separazzjoni bonarja u f’gurnata partikolari filghodu cemplitlu u bdiet tallega li kien qieghed ma’ mara ohra. Hu mar ghax-xoghol u rritorna d-dar. Sab lill-mara fl-i*spare bedroom* u kellhom xi Lm1,400 jew Lm1,500 zghar li juzaw ghall-hwienet f’baskett li kienet se tehodhom. Hu

[1] Ara Appelli Kriminali **The Police v. Sanjic Bosko**, 28 ta’ Marzu 2008 u **Il-Pulizija v. Carmelo Bugeja**, 11 ta’ Ottubru 2005.

oggezzjona u bdew jigbdu l-baskett lil xulxin. Il-baskett kien tal-plastik u nqata'. Hi bdiet ixxejjer bis-sieq biex ma jihux il-baskett. Hu qabadha minn idejha u tefaghha ghal fuq is-sodda. Hi bdiet tghajjru b'hafna affarijiet fizici (li ma jistax jopera). Lilu ma weggaghtux. Ma hebbitx ghalih biex issawwtu izda biex ma jihux il-baskett. Tat bis-sieq fid-direzzjoni tieghu. Imbaghad telaq 'il barra u halla l-flus warajh. In kontroezami qal li rritorna d-dar mix-xoghol ghax kellu c-certifikat tas-*sick*. Mistoqsi jekk l-argument inqalax ghax bintu kienet ratu ma' mara ohra gewwa Paceville, ix-xhud wiegeb li kienu ghaddejjin minn separazzjoni bonarja, kienu jghixu separatament fl-istess dar u huwa mar it-*talkies* u kien hemm it-tifla tieghu. L-incident fuq il-flus inqala' u meta ratu t-tifla hu ma shabu kien. Qatt ma refa' idejh fuq martu. Mistoqsi jekk waqt l-incident laqatx lil martu f'ghonqha, wiegeb li ma jidhirlux. Sostna li hu mbuttaha fuq is-sodda u telaq 'il barra. Mistoqsi jekk ghajjarhiex qal li ghajjarha rigward l-argument u li fis-sahna tar-ras tghajjir ikun hemm.

**L-appellanti Romina Abela** xehdet illi hija kienet ser tmur it-*talkies* mat-tifla u l-*boyfriend* tat-tifla u cemplitilha t-tifla biex tghidilha li missierha (ir-ragel ta' l-appellanti) kein qieghed ma' mara ohra. L-appellanti qalet li cemplet lir-ragel li ammetta li kien qieghed ma' habiba. Filghodu qamet, gabret il-*coins* tal-hwienet ghax kienet ghadha qed tqassam il-flus fiz-zewgt ihwienet li ghandhom, u kienet qed biddel peress illi kienet xoghol fil-11.00 a.m. Kellha ftehim mar-ragel li jmur jaghlaq il-hwienet hu u jigbor il-flus ghax sena qabel kellha *hold-up*. Qalet li l-flus tal-gurnata ta' qabel ma kienx gabhom. Pero` gabret il-flus li kellha d-dar biex tehodhom maghha l-hwienet. Meta dahal id-dar, zewgha ma irrankat ghaliha u mhux ghall-flus. Wara ried il-flus. Hija qalet li ma ratx ghalfejn kellu jigi rrankat ghaliha meta l-gurnata ta' qabel ammetta u ratu t-tifla ma' mara ohra. L-argument beda billi dahal ghaliha ghax ried ir-ragun fuq il-gurnata ta' qabel. Qalet li ma setghetx ittieh ir-ragun. Beda jghajjarha, "ovvja, ha nirrispondi lura zgur avolja kont ghadni mahsuda, kont ghadi kif qomt". Qabadha m inn idha (bengilhiela) u tefaghha fuq is-sodda.Ipprova jifgaha, girifha. L-argument ma kienx fuq il-flus ghax dwarhom wara qallha "Tista' zzommhom". L-

appellanti cahdet li nsulentatu bl-affarijiet fizici. Meta hatafha minn ghonqha, x'hin bdiet twegga' u qaltlu "Issa kompli sejjer hekk" u bdiet timbotta b'saqajha, waqaf. Il-baskett tal-flus fuq is-sodda kien u la tqatta' u la waqa', xejn. Imbaghad telaq 'il barra. In kontro-ezami qalet li meta cemplitilha t-tifla tghidilha b'dak li rat, hi rrabjat ghax hi kienet riedet tibda kaz ta' separazzjoni f'Settembru ta' qabel u hu ma riedx, imbaghad xorta agixxa biex jniltaqa' ma' mara ohra. Dakinhar xorta marret tiltaqa' mat-tifla u marru *talkies* iehor. Imbaghad marret taghlaq il-hanut u marret id-dar. Meta ratu filghodu ma svugatx fih izda hi bdiet tghajjru ghax beda jghajjarha. Pero` ma offenditux kif qal hu. Dwar il-flus, qalet li ma riditx ittihomlu ghax il-flus ta' qabel ma kienx gabhom. Meta talabhomlha hija qaltlu biss li ma riditx ittihomlu. Bdiet taghti bis-sieq x'hin qabadha minn ghonqha.

Hemm imbaghad l-affidavits ta' **P.S. 635 Alan Calleja** u **P.C. 869 K. Gauci**. Dawn bazikament jghidu illi fit-12 ta' April 2007 ghall-habta tas-6.00 p.m. Romina Abela rraportat li filghodu ghall-habta tat-8.30 a.m. kellha argument mar-ragel taghha rigward xi flus u li zewgha taha xi daqqiet fuq sidiriha u ghonqha u ghamlilha tbengil fuq idha x-xellugija – griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. J. Debono. P.S. 635 kellem lil Vincenzo Abela li qal li kellu argument mal-mara u mbottaha ghal fuq is-sodda izda cahad li refa' idejh fuqha.

Permezz ta' affidavit, **Dr. Jason Debono** ikkonferma c-certifikat mediku mahrug minnu fit-12 ta' April 2007 u anness ma' l-affidavit mnejn jirrizulta li l-appellanti sofriet offizi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet u konsistenti f'girfa fuq l-ghonq in-naha tax-xellug t'isfel u tbengil fl-id ix-xellugija li huma fil-forma ta' swaba'.

Minn dawn il-provi johorgu certi konflitti bejn dak li xehed Vincenzo Abela u dak li xehdet l-appellanti. Hekk, per ezempju, filwaqt illi Vincenzo Abela jghid li l-appellanti ghajritu b'affarijiet fizici personali, dan l-appellanti tichdu. Filwaqt illi Vincenzo Abela jghid illi l-appellanti bdiet ixxejjer b'saqajha biex ma jihux il-baskett tal-flus, l-

appellanti tghid illi tat b'saqajha biex timbotta lil zewgha minn fuqha meta hatfilha ghonqha.

Issa huwa minnu li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Dwar l-ewwel imputazzjoni, Vincenzo Abela kien specifiku dwar dak li jghid li gie mghajjar bih, u cioe` "affarijiet fizici personali". L-appellanti dan tichdu. F'certu hin waqt il-kontro-ezami tghid li hi bdiet tghajjru ghax hu beda jghajjarha, li ghal li qallha wegbitu, imbaghad li rrispondietu lura izda li ma tiftakarx li ghajjritu u, aktar 'il quddiem, li x'qaltlu ezatt ma tiftakarx. Pero` baqghet issostni li ma ghajritx lir-ragel kif kien qieghed isostni hu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar l-ewwel imputazzjoni. Mhuwiex inverosimili li waqt l-argument li kellha ma zewgha l-appellanti rreferiet ghall-"affarijiet fizici personali" li bihom Vincenzo Abela jilmenta li ghajjritu. Wara kollox, ghalkemm l-appellanti tichad li ghajjritu b'hekk, hija tikkonkludi li x'qaltlu ezatt ma tiftakarx. Hija stess tammetti li l-gurnata ta' qabel kienet irrabjat meta t-tifla qaltilha li kienet ratu ma' mara ohra. U m'hemmx dubju li kienet irrabjata meta sehh l-argument in kwistjoni, aktar u aktar jekk kien zewgha li, kif qalet hi, dahal irrankat ghaliha.

Dwar it-tieni imputazzjoni, fuq mistoqsija ta' din il-Qorti jekk l-appellanti hebbitx ghalih, Vincenzo Abela wiegeb:

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

”Bdiet taghti bis-sieq biex ma nihux il-baskett” u ”Mhux hebbet ghalija biex issawwatni”. Jekk huwa dan li gara, din il-Qorti ma tirravvizax ir-reat kontemplat fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mill-banda l-ohra, jekk l-appellanti bdiet taghti bis-sieq biex timbotta lil zewgha minn fuqha meta kien qabdilha ghonqha (u hemm certifikat mediku li jindika li sofriet girfa fuq in-naha tax-xellug t’isfel ta’ l-ghonq), dan ifisser illi hija kienet qed tiddefendi ruhha. Kwindi fl-ebda kaz ma setghet tirrizulta t-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, it-twiddiba u canfira hija l-anqas piena li tista’ tinghata ghal kontravvenzjoni u ghalhekk ma hu se jkun hemm l-ebda tibdil f’tali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni, tiddikjaraha mhux hatja ta’ din it-tieni imputazzjoni u minnha tilliberaha filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------